Minuti tas-seduta numru ħmistax (15) tal-Kunsill Lokali tar-Rabat (KLR), li nżammet nhar l-Erbgħa, 6 ta' Mejju 2020 on line fuq Skype fis-6.15pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
| | Is-Sur Matthew Chetcuti | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Rudolph Grima | Kunsillier* |
| | Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| | Is-Sra Doris Coleiro | Kunsillier |
| | Is-Sur Kris Grech | Kunsillier |
| | Is-Sur Christopher Farrugia | Kunsillier |
| | Dr Karl Muscat | Kunsillier |
| | Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| | Is-Sur Marco Scerri | Amministratur tal-Uffiċċju |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |

* daħal ftit tard (7.30pm) minħabba diffikulta' fl-IT

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus ippresjeda l-laqgħa u qal it-talba.

**15.01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji u t-talba** — **Ittri ta' Apoloġija**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill.

**15.02 Minuti tas-seduta numru** — **Minuti**

Il-Minuti li kienu mgħoddija lill-kunsillieri soft copy minn qabel kienu meħuda bħala moqrija u kien hemm proposta bil-miktub permezz ta' e-mail tas-Sra Doris Coleiro sabiex fil-proġett tar-*refurbishment* tal-latrina pubblika ta' Triq il-Kulleġġ ikunu inkorporati id-dwal tal-ħnejjiet li hemm fl-istess triq biswit il-latrina kif ukoll terġa' tkun imqabbda mill-ġdid il-pompa tal-funtana li kien ukoll ipproponiha is-Sur Christopher Farrugia.

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus ressaq il-minuti tas-seduta numru erbatax għall-vot u dawn kienu issekondati mil-Viċi Sindku, is-Sur Matthew Chetcuti u għaddew b'vot unanimu.

**15.03 Rapport Finanzjarju tal-ewwel kwart, Jannar – Marzu 2020** — **Rapport Finanzjarju**

Ir-Rapport Finanzjarju tal-ewwel kwart tas-sena kien approvat b'vot unanimu.

**15.04 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-*Works Order* 25 u Ċedola tal-pagamenti numru 306** — **Ċedola tal-Pagamenti u Ordni**

Kienet approvata ċ-ċedola tal-pagamenti numru 306 u dik tal-*Purchase/Works*

*Orders* numru 25 b'vot unanimu bil-propost u s-sekondant kif muri fuq l-istess dokumenti. **tax-xoghlijiet**

Dwar l-item tal-PAS numru 12762 jiġifieri biex saru ir-*remote controls* tal-bieb tal-garaxx tal-binja ta' Triq Inguanez, intqal illi din se tkun assorbita mis-sid peress li ma kienx tana waħda tajba. Dwar il-kont tal-bankina li kienet saret fi Triq il-Kulleġġ f'Settembru, u li ma kienx intbgħatet, ħlief l-irċevuta minn kuntrattur, dan se jitħallas u se jkun ifformulat fuq it-*take offs* tal-perit.

## 15.05 Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

**Proġett tal-Baħrija**

Dwar il-proġett tal-immaniġġjar tat-traffiku fil-Pjazza tal-Baħrija, li kien diskuss fil-laqgħa preċedenti, issa għandna l-pjanta finali approvata mid-dipartiment tal-Immaniġġjar tat-Traffiku fi ħdan *Transport Malta*. Kopja ta' din il-pjanta wkoll kienet mad-dokumentazzjoni ta' din l-aġenda u mgħoddija lill-kunsillieri mal-agenda. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi biex ikun atwat il-proġett tal-bandli tal-Baħrija, d-dokument tal-offerta lest u qed nistennew il-BOQ u d-diżinn tal-Perit.

**Refurbishment tal-Latrina ta' Triq il-Kulleġġ**

Dwar it-twaqqif tal-kuntratt tat-tindif tal-uffiċċju, s-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi l-kuntratt tad-Dimbros waqaf biex ma jkunx hemm taħlit ta' persuni li l-ewwel inaddfu post u imbgħad inaddfu l-uffiċini tagħna, fl-isfond ta' din l-imxija tal-*Covid-19*. Madankollu hu żied jgħid illi qed titqabbad persuna tal-fiduċja li qed tiġi tnaddaf fi tmiem il-ġimgħa meta ma jkunx hawn persuni jaħdmu fl-uffiċċju. Dan is-servizz dirett qed jiffrankalna l-flus.

**Vettura tal-kiri**

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus tkellem fuq il-vettura VQZ265 mikrija li qed juża s-Sur Stephen Attard. Hu qal illi din qed nużawha biex tinġieb għajnuna materjali għar-residenti Rabtin minn *The Foundation for the Wellbeing of Society*, fost l-oħrajn. Pero' qed tintuża wkoll biex ikunu meħuda diversi ritratti ta' xogħlijiet, ilmenti u problemi li jiltaqgħu magħhom il-ħaddiema ta' kuljum. Dwar l-għajnuna mil-fondazzjoni, is-Sur Christopher Farrugia semma' post fuq *facebook* mill-Grupp *Loving Malta* dwar persuna fil-bżonn fir-Rabat u appella biex din tingħata għajnuna materjali. Intant il-persuni li qed jikkwalifikaw għall-għajnuna qed ikunu *pin-pointed* mill-istess fondazzjoni.

**Restawr tal-faċċata taċ-ċimiterju**

Is-Sindku semma' r-restawr tal-erwieħ taċ-ċimiterju tar-Rabat li fih se jkunu inkorporati wkoll il-faċċata il-fanal u r-rixtellu. Din l-applikazzjoni tal-*Majjistral Action Group Foundation* ħadem fuqha is-Sur Mario Scerri u għaldaqstant kien mistieden li jagħti id-dettalji dwarha kif fil-fatt għamel. Intant, l-applikazzjoni kienet mibgħuta lill-din il-Fondazzjoni.

**Disabled Parking Bay**

Saret referenza għad-*disabled parking bay* li reġgħet saret eżattament kif intemmu x-xogħlijiet tal-qatran minn Infrastruttura Malta fi Triq Inguanez. Din *parking bay* issa tinsab l-ewwel waħda biex ikun aktar faċli għal persuni b'diffikulta' mobbli li jipparkjaw.

**Niċċa tal-Madonna tal-Karmnu**

Is-Sindku qal illi biex jitwettaq ir-restawr tan-niċċa tal-Madonna tal-Karmnu m'hemmx għalfejn immorru għal permess sħiħ għaliex din m'hix bħall-dik tal-erwieħ taċ-ċimiterju viċin, jiġifieri viċin sit storiku importanti bħall-Villa Rumana. Kien deċiż illi joħroġ it-tender tax-xogħlijiet kif propost. Ippropona is-Sindku, is-Sur Sandro Craus u ssekonda is-Sur Nazju Cassar u kien hemm qbil unanimu.

Is-Sur Nazju Cassar staqsa dwar il-*crash barriers* tat-telgħa tal-Buskett. Is-SE se jfakkar lill-kuntrattur għaliex dan kien kollu xogħol ordnat.

Is-Sur Nazju Cassar tkellem dwar ir-restawr/manutenzjoni tal-*mile stones,* speċjalment dik li hemm se taqa' għal isfel fi Ġnien Fieres. Is-SE qal illi ma daħlux stimi għaliex kieku kienu jkunu elenkati fil-*Works Order Sheet.* **Crash Barrier**

**Mile Stone**

Is-Sur Nazju Cassar tkellem dwar is-siġar tax-xumakk (ħżiena) li hemm taħt is-Saqqajja u staqsa jekk kienx ġew stimi biex dawn jinqalgħu. Is-SE qal illi kienu daħlu diversi stimi iżda l-KLR xorta se japplika biex iġib il-permess tal-ERA ħalli ma jkunx hemm problemi u ħadd ma jwaqqaf il-kuntrattur meta jkun qed isir ix-xogħol. **Siġar tax-Xumakk**

Is-Sur Chris Farrugia tkellem dwar ir-rampa friska li tpoġġiet fi Triq Inguanez biex resident jitla' għal garaxx. Hu talab biex titneħħa. Is-SE se jitlob lis-sid ineħħiha u jagħtih ċans, iżda jekk din tibqa' hemmhekk il-KLR se jfittex rimedji oħra. **Rampa illegtali**

Is-Sur Nazju Cassar talab biex titranġa il-bankina fi Triq Kola Xara fejn il-ħanut tal-videos. Se nitolbu stima biex il-KLR ikun jista' jikkunsidra fl-ordni tax-xogħlijiet. **Bankina fi Triq Kola Xara**

Is-Sra Doris Coleiro talbet biex jinqata' l-ħaxix ħażin fejn il-*garages* tal-Gvern f'Għajn Qajjet. Is-Sindku qal illi dan ix-xogħol fejn Blokk D se jsir fil-jiem li ġejjin. Dwar il-qtugħ tal-ħaxix is-Sra Doris Coleiro qalet illu hu importanti illi dan jinġabar dak in-nhar stess. Is-Sur Ian Vassallo qal illi l-ġimgħa li għaddiet inqata' l-ħaxix minn Santa Katerina u ma nġabarx, filwaqt li is-Sur Nazju Cassar qal illi fil-passat il-pjan kien illi l-kuntrattur idur bil-lant forma ta' arloġġ fl-inħawi rurali u jibda' minn Ġunju fi Triq it-Tiġrija (minħabba l-Imnarja) u jibqa' tiela' Lawrenti, Buskett, Wied Ħażrun, Ħamri, Imtaħleb, Baħrija ecc. **Kuntratt tal-qtugħ tal-ħaxix**

Is-Sur Ian Vassallo irrapporta d-dwal tat-*traffic lights* fi Triq Santa Rita fejn l-Għassa mhux qed jaħdmu kif ukoll fakkar fil-bżonn li jkunu ppjanati l-parkeġġi u mpenġija oħrajn ġodda fi Triq il-Qastan u fi Triq Patri Tumas Scerri. Is-Sur Ian Vassallo ġibed l-attenzjoni wkoll għal fatt illi qalulu illi raw scammel jiġi maħsul fuq l-Għajn ta' Għeriexem, xi ħaġa li mhux tollerabbli li ssir fl-abitat u fi triq pubblika. Hawn sar aċċenn għall-iscammels li hemm ipparkjati fis-Salvatur li bosta minnhom qed jitħallew għal ħinijiet twal barra weqfin fl-abitat. Fosthom hemm wieħed li ilu pparkjat għal diversi ġimgħat. **Traffic Lights** **Parkeġġi** **Scammels**

Dr Karl Muscat semma' l-problema tal-ħamiem li ddeskriviha bħala waħda li dejjem qed tikber. Hu qal illi dawn qed joktru l-aktar fi Triq Santu Wistin u fi Triq Ġorg Borg Olivier. Ma kienx hemm oġġezzjoni biex jitqassmu aktar ittri ta' twissija fid-djar fi Triq Gorg Borg Olivier biex jingħalqu l-aperturi kollha ħalli dan ma jbejjidx fir-residenzi. **Inkonvenjent bil-ħamiem selvaġġ**

Is-Sur Ian Vassallo talab li jsir iż-żbir tal-arbuxxelli li hemm imħawwlin fejn il-blata bejn Triq San Trofimu u Triq Sant Aristarku. Se napplikaw għall-permessi mal-awtorita' kompetenti. **Żbir ta' arbuxxelli**

## 15.06 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport ta' Evalwazzjoni tal-Ġbir tal-Iskart Bieb Bieb u l-Addendum

**RLC/50/185/2020**

Il-KLR ikkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Bord ta' Evalwaturi illi l-offerti tal-ġbir

tal-iskart huma għoljin ħafna u l-uniku wieħed li ma weħilx mil-parti teknika kien *Waste Collection Ltd.* Il-Kunsill ma jistax jagħti dan il-kuntratt li huwa sostanzjalment ogħla mil-figura tal-budget tal-Kunsill. Għaldaqstant se jaqa' l-kuntratt u jerġa' joħroġ mill-ġdid.

**15.07 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-Knis tat-Toroq Urbani** **RLC/50/186/2020**

Ir-rapport tal-bord tal-evalwaturi tal-kuntratt tal-knis urban għadu mhux lest. Madankollu hemm indikazzjoni illi peress li fit-tieni fażi (dik teknika) waqgħu il-kuntratturi kollha għajr l-ogħla wieħed li kien hemm, se jkun rakkomandat lill-Kunsill illi s-servizz jingħata lill-*Waste Collection Ltd,* jiġifieri il-kuntrattur preżenti. Is-Sindku qal illi issa minn tliet kenniesa *part timers* se nimpjegaw aktar kenniesa u dawn mhux se jibqgħu jitħallsu bil-prekarjat. Is-Sindku saħaq biex il-pagi tal-ħaddiema jkunu mgħoddija għandhom b'mod trasparenti flimkien mal-payslip.

**15.08 L-Għażla ta' Evalwaturi għall-Offerta Pubblika – Kostruzzjoni ta' Ġnien Bir Iljun** **RLC/50/188/2020**

Kienu nominati is-Sur Paul Bugeja, Chairman; Dr Richard Sladden, is-Sur Andrew Spiteri il-Perit Roderick Bonnici u Segretarju tal-bord ikun is-SE, bħala membri tal-bord ta' evalwazzjoni tal-Ġnien ta' Bir Iljun.

**15.09 Sejħa Pubblika għall-Handyman (mhux offerta pubblika)** **Handyman**

Dwar il-propost sejħa għall-*handyman* biex ikun jista' jiġi ingaġġat mal-KLR, id-Dipartiment Gvern Lokali talabna sabiex nagħmlu talba fl-iskema *Community Works Scheme* u dik tal-*RSS*. Għaldaqstant mhux se nipproċedu bis-sejħa ħalli l-ispejjeż tal-paga tkun fuq l-istess skema.

**15.10 L-approvazzjoni għall-Ħruġ ta' Offerta Pubblika għar-*Resident Care System*** **Customer Care**

Ingħatat l-approvazzjoni biex joħroġ għall-offerta pubblika dan id-dokument li bażikament għandu l-benefiċċju li min ikun qed jgħaddi l-ilment ikun jista' jilloggja l-co-ordinates fejn ikun hemm il-problema.

**15.11 Proġett tar-*refurbishment* tal-latrina pubblika ta' Triq il-Kulleġġ.** **Refurbishment tal-Latrina Pubblika ta' Triq il-Kulleġġ**

Is-Sindku tkellem dwar il-latrina ta' Triq il-Kulleġġ. Hu qal illi n-naħa tal-irġiel issa tlesta minn kollox u qed isiru x-xogħlijiet fil-kamra tan-nisa. Dawn jinkludu il-qlugħ u t-twaħħil tal-madum.

**15.12 Proġett ta' Wesgħet il-Mużew (l-eks Għalqa ta' Kola)** **Proġett tal-Għalqa ta' Kola**

Il-Kunsill se jiltaqa' apposta biex ikunu diskussi l-proposti mid-diżinjatur. Dwar id-deċiżjoni meħuda fil-ġimgħat li għaddew biex il-bankijiet ta' fejn is-Serkin propju f'Wesgħet il-Mużew ma jkunux issiġillati iżda jkun tollerat biss persuna waħda li tkun tista' toqgħod fuqhom, xi kunsillieri qalu illi dawn qed ipoġġu fuqhom aktar minn persuna waħda għaliex qed isostnu li jkunu tal-istess familja, filwaqt li s-SE qal illi kien mitlub mill-Pulizija sabiex ikunu ssiġillati għax ma jistgħux jikkontrollaw in-nies. Madankollu kien deċiż illi nsostnu l-pożizzjoni tagħna kif għamilna fil-passat waqt laqgħat preċedenti tal-Kunsill illi persuna waħda tal-inqas tkun tista' sserraħ ftit riġlejha minħabba t-tbatija kbira li għaddejjin minnha x-xjuħ bil-Covid 19.

**15.13 Proposta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar l-użu tal-BOV 24x7** **BOV 24 x 7**

Kien hemm qbil unanimu ma' din il-proposta illi klijent se jkun jista' jinqeda mill-uffiċini tal-Kunsilli Lokali permezz tal-card**.**

**15.14 Inizjattiva Light the Sky** **Light Up The Sky**

Kienu ikkunsidrati diversi siti biex ikunu mixgħula bħala appoġġ għall-isforzi tal-ħaddiema hekk imsejħa *front liners* fil-ġlieda tal-influwenza tal-*Covid 19.* Dan il-proġett imsejjaħ *Light Up the Sky* kien diġa' attwat f'diversi postijiet oħra u l-proposta tagħna se tkun il-Gallerija tal-Palju. Is-SE se jagħmel it-tħejjijiet loġistiċi.

**15.15 Tmiem il-laqgħa u data u l-ħin tas-seduta li jmiss.** **Aġġornament**

Il-laqgħa ntemmet fid-8.50pm u l-KLR se jiltaqa' nhar is-27 ta' Mejju 2020 fis-6.00pm, madankollu se jkun qed jiltaqa' biex jiddiskuti dwar il-parkeġġ ta' Wesgħet il-Mużew nhar l-Erbgħa 13 ta' Mejju fis-7.00pm fuq skype.

| **(IFFIRMATA)** | | **(IFFIRMATA)** |
|---|---|---|
| Magħmula minn Anthony Bonello<br>Segretarju Eżekuttiv | u approvati llum 27.5.2020 minn | Sandro Craus<br>Sindku |